10 ta' Jannar, 1953.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Margherita Rizzo *versus* Edgar Zahra

**Ittra Uffiċjali — Spejjeż — Riċevuta — Kompetenza — Valur — Art. 748, 749 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kwistjoni jekk wieħed huwiex obligat jirrilaxxja riċevuta hija kwistjoni ta' valur indeterminat, u bħala tali taqbeż il-ġurisdizzjoni limitata tal-Qorti Inferjuri.*

*Għalhekk, il-Qorti Inferjuri ma hix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' talba għall-kundanna għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali. li tkun saret bħala interpellazzjoni għar-rilaxx ta' dik l-irċevuta. jekk fil-kawża tiġi kontestata l-obligazzjoni ta' dak ir-rilaxx ta' dik l-irċevuta. Għaliex, għalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri, din tiġi eżawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obligazzjoni prinċipali.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas is-somma ta' 10s. 1d., drittijiet u spejjeż ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilu mill-attriċi, flimkien ma' 3s. ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Settembru 1952 ;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut, li ssottometta l-inkompetenza ta' dik il-Qorti peress li l-meritu jinvolvi kwistjonijiet ta' valur indeterminat, kif jidher mill-istess ittra uffiċjali msemmija fl-avviż ;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Novembru 1952, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża "ratione valoris", u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju quddiem il-Qorti kompetenti ; billi dik il-Qorti kkunsidrat ;

Illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni kienet tikkontjeni intima lill-konvenut biex jirrilaxxja favur l-attriċi riċevuta tal-kera ;

Illi skond l-art. 748 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, meta l-valur huwa inċert u indeterminat, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dak l-artikolu, fl-inċiż 3, igħid li l-kawżi fejn il-valur ma jirriżultax mit-talba ta' l-attur, jew mill-modi indikati fl-ar-

tikolu ta' wara, għandhom valur mhux determinat. L-art. 754, imbagħad, igħid li fil-każ fejn it-talba hija magħmula biex issostni jew tattakka obligazzjoni, il-valur jiġi determinat mis-somma kollha ta' l-obligazzjoni — liema regola tgħodd, skond l-art. 755, meta l-obligazzjoni tiġi attakkata per mezz ta' eċċezzjoni;

Illi huwa evidenti li l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali għandhom jitħallsu mill-konvenut jekk l-intima fiha kontenuta kienet ġusta u skond il-liġi, u dan skond l-aforisma legali "accessorium sequitur principale";

Illi l-interpellazzjoni ta' dik l-ittra uffiċjali, konsistenti fir-rilaxx ta' riċevuta, ma jista' qatt ikollha ebda valur lilha attribwit bl-ebda wieħed mill-modi preskritti mill-art. 749 u ta' wara tal-Kodiċi fuq ċitat, u dan minħabba in-"non venalità" ta' l-istess obligazzjoni; liema obligazzjoni trid tiġi eżaminata mill-Qorti, biex taqta' jekk il-konvenut għandux ibati l-ispejjeż mitluba;

Illi, anki jekk, wara l-interpellazzjoni ġudizzjarja, il-konvenut irrilaxxja l-irċevuta, tibqa' dejjem meħtieġa l-indaġini dwar il-motivi li ġiegħlu lill-istess konvenut jottempera ruħu mat-talba ta' l-attriċi — kwistjoni dina involuta u konnessa ma' l-eżami ta' l-istess obligazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u ċ-ċitazzjoni tagħha quddiem din il-Qorti, li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li tiġi milqugħa d-domanda oriġinali;

Rat l-art. 232 Kap. 15;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Illi bil-verbal fol. 2 il-konvenut ikkuntrasta t-talba miġjuba kontra tiegħu li jħallas is-somma mitluba (ċjoè l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali), billi impunja l-obligazzjoni prinċipali, dik ċjoè li tirsolvi ruħha fl-eżistenza jew le ta' l-obligu tiegħu li jottempera ruħu ma' l-intima kontenuta fl-ittra uffiċjali "de qua" biex jirrilaxxja l-irċevuta. Il-konvenut, in sostanza, qiegħed isostni li hu mhux obligat iħallas is-somma mitluba għax ma kienx obligat jirrilaxxja l-irċevuta msemmija fl-ittra uffiċjali li tagħha bl-avviż qegħdin jintalbu l-ispejjeż. Vwoldiri li, għalkemm l-azzjoni kienet inizjalment

ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri, din ġiet eżawtorata "ope exceptionis"; għaliex il-kwistjoni jekk wieħed għandux jew le l-obligu li jirrilaxxja rċevuta hija kwistjoni ta' valur indeterminat, u bħala tali, b'liġi (art. 748 Kap. 15), taqbeż il-ġurisdizzjoni limitata tal-Qrati Inferjuri;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.